MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Rikors Ta Revoka Numru. 181/2008

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta’ April, 2008 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi permezz ta’ mandat ta’ sekwestru datat 1 ta’ April, 2008 fl-ismijiet premessi, l-intimat talab u ottjena l-ħruġ ta’ mandat ta’ sekwestru kontra r-rikorrenti għal ammont ta’ mija u sittin elf Euro (€160,000).

2. Illi b’dan il-mandat qed jinżammu ammont ta’ flus li hemm qbil bejn il-partijiet li huma parafernali għar-

rikorrent, kif ukoll qegħdin jinżammu flejjes *ossia* flus riżultanti minn manteniment ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, kif ukoll ħlasijiet li jagħmel id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali lir-rikorrenti għan-nom tal-minuri aħwa Scerri.

3. Illi żgur li ma jistgħux jinżammu flejjes ġejjin minn mantentiment ordnat mill-Qorti (*ex* Artiklu 381(1)(e) u Artiklu 849 tal-Kapitlu 12) u flus ġejjin minn benefiċċju, *allowance* jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta' Soċjali bħal *children's allowance* u benefiċċji simili (*ex* Artiklu 381(1)(b) u Artiklu 849 tal-Kapitlu 12).

4. Illi l-partijiet għandhom dar matrimonjali u din m'għandhiex, sa fejn taf ir-rikorrenti, dejn eżistenti fuqha u allura kull pretensjoni da parti ta' l-intimat żewġha huwa aktar minn kawtelat.

5. Fi kwalunkwe każ, għandu jirriżulta ampjament illi dan il-mandat inħareġ b'mod vessatorju għall-aħħar, u ma hemm l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi kontemplati fil-liġi għall-ħruġ ta' tali mandat. Kwindi għandhom jiġu applikati s-sanzjonijiet ta' l-Artiklu 836(8) tal-Kapitlu 12 u dan fil-konfront ta' l-intimat żewġha.

6. Illi l-imsemmi mandat, ma jistax jibqa' fis-seħħ minħabba din ir-raġuni u għaldaqstant qiegħed isir dan ir-rikors għar-revoka tiegħu.

Għaldaqstant, l-esponenti titlob umilment sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

a) Tħassar u tirrevoka, *in parte* jew *in toto*, il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, u dan taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 836(1) (c), (d) u (f) tal-Kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Mala, u dan għar-raġunijiet hawn fuq premessi.

b) Tikkundanna lill-intimat sabiex a tenur ta' l-Artiklu 836 (8) tal-Kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Malta jħallas dik il-penali li din il-Qorti jidhrilha xierqa u dan peress li ma jeżistux iċ-ċirkostanzi neċessarji għall-ħruġ ta' dan il-

mandat, *oltre* li l-istess ħruġ ta' dan il-mandat intalab b'mod frivolu u vessatorju għall-aħħar.

Rat illi l-intimat naqas li jippreżenta risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-Artiklu 836 tal-Kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi peress li l-intimat (rikorrenti fl-atti tal-mandat) naqas li jippreżenta risposta u allura naqas li jopponi, il-Qorti għandha *ai termini* tas-sub-inċiż (3) ta' l-Artiklu 836 fuq imsemmi tilqa' t-talba.

Il-Qorti jidhrilha li mandat ta' sekwestru li jinħareġ fuq ħlasijiet ta' l-għajnuna soċjali jimmerita ċensura u għalhekk ser tordna wkoll il-ħlas ta' penali skond is-sub-inċiż (7).

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tirrevoka l-mandat imsemmi u tikkundanna lill-intimat iħallas ukoll bħala penali lir-rikorrenti B s-somma ta' elf u mitejn Euro (€1,200).**

**L-ispejjeż ikunu a kariku ta' l-intimat A.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------